MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 252/1997/1

Philip Abdilla
vs
Prim Ministru, Kummissarju tal-Pulizija, Chairman Awtorita` tat-Trasport; Ministru ghall-Port u Trasport u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2002 giet kjamata fir-rikors l-Awtorita` Marittima u b'digriet tal-11 ta' Frar 2003 giet korretta ghal-Awtorita` Marittima ta' Malta.

Illum 28 ta' Ottubru 2004.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-25 ta' Lulju 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz wara t-tmienja (8) ta' Jannar 1992, ir-rikorrent sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt li l-Awtoritajiet kompetenti naqsu milli japplikaw u jatwaw decizjoni moghtija mill-Kummissjoni kontra certa Ingustizzji.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita’ taghhom kienu s-segwenti.

Illi fiz-zmien ta’ Amministrazzjoni Laburista precedenti, r-rikorrent flimkien ma disa’ persuni ohra, kien applika u gie allokat permess sabiex ikun jista jgorr t-turisti minn Wied iz-Zurrieq sal-Blue Grotto u lura.

Illi l-ghoti ta’ dan il-permess kien gie mizmum jew ahjar sospiz.

Illi meta saret il-bidla fl-amministrazzjoni u tela’ l-Partit Nazzjonalista fil-Gvern inhass li ma kienx ghad hemm ghalfejn dawn il-permessi jibqghu sospizi u nhargu u nghataw sbatax (17).

Illi b’ghageb kbir ghar-rikorrent gie maqbuz.

Illi huwa stitwixxa l-proceduri opportuni quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ certa Ingustizzji u ha gudizzju favorevoli fis-sens illi gie dikjarat illi kien hemm ksur tad-drittijiet tieghu u li kien hemm diskriminazzjoni politika meta dan il-permess ma harigx fil-konfront tieghu u gie assenjat lil persuni ohra minhabba l-kulur politiku taghhom.

Illi nonostante d-decizjoni tal-Kummissjoni l-Prim Ministru naqas u xorta ghad ma tax l-ordni necessarja sabiex dan il-permess jinhareg b’mod illi qieghed u ghadu qieghed jigi mcahhad minn dritt li huwa rebah u din l-ingustizzja qeda’ tirrifletti f’telf kbir ghalih u ghal uliedu li ghandhom kull dritt jaghmlu l-istess xoghol.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant r-rikorrent fil-waqt li jaghmel referenza ghall-fuq espost u jirriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni

ta’ Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi nforzata d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ certa ngustizzji u jinhareg il-permess relattiv u kumpens ta’ Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofra minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Ministru ghat-Trasport u Portijiet fejn wiegeb illi:

Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment peress li l-affarijiet allegati graw meta huwa ma kienx fil-kariga u ukoll peress illi l-licenzja biex wiehed jaghmilha ta’ barklor f’Wied iz-Zurrieq dejjem waqghet fil-mansjonijiet jew tal-Kummissarju tal-Pulizija (qabel ma gie promulgat l-Att dwar l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku) jew ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim Ministru fejn wiegbu:

Illi preliminarjament dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jezercita` l-gurisdizzjoni tieghu ai termini ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att VIII 1997 stante li r-rikorrent diga kellu l-kaz tieghu investigat u konkluz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji.

Illi fit-tieni lok, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f’din il-kawza billi mhux fil-mansjonijiet tieghu li jirillaxxa licenzji tad-Dghajjes.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ebda ingustizzja b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita ma saret fil-konfront tar-rikorrent.

Illi stante c-cokon tal-post minn fejn joperaw dawn id-dghajjes u n-numru necessarjament limitat ta’ persuni li

jistghu jinghataw permessi biex joperaw ma jsegwix li min ma nghatalux permess awtomatikament sofra ingustizzja fit-termini ta’ l-art VIII ta’ l-1997.

Inoltre billi l-intimat ma kienx fil-kariga fil-perjodu de quo jirrizerva li jwiegeb ulterjorment u f’aktar dettal fil-kors ghal kawza.

Ghaldaqstant l-intimat talab li fl-ewwel lok dan it-Tribunal joghgbu jiddeklina milli jezercita il-gurisdizzjoni tieghu kif fuq inghad u subordinatament jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Awtorita` tat-trasport pubbliku u l-Ministru ghall-port u trasport  fejn wiegbu illi:

Illi fiz-zmien imsemmi fir-rikors promotur l-Awtorita` lanqas kienet tezisti u r-responsabilita` tal-hrug tal-permessi kienet unikament f’idejn il-Pulizija.

Ghalhekk oltre li mhumiex responsabbli ghall-akkadut allegat mir-rikorrent, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Inoltre hu fizikament impossibli li joperaw in numru kollu ta’ rikorrenti li qed iressqu l-ilment taghhom quddiem it-Tribunal mill-post imsemmi.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra wkoll d-digriet tat-Tribunal tad-19 ta’ Novembru 2002 fejn ordna l-kjamata fil-kawza tal-Awtorita` Marittima li eccepiet

Illi preliminarjament in-notifika hija zbaljata stante li l-intimat hija l-Awtorita` Marittima ta’ Malta u mhux l-Awtorita` Marittima kif indikat fid-digriet tad-19 ta’ Novembru.  Biex jigu evitati spejjez u dewmien, l-intimat issottomettiet r-risposta taghha filwaqt li talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jordna l-korrezzjoni fin-notifika fl-isem l-intimat fis-sens fuq indikat.

Illi fit-tieni lok, fiz-zmien imsemmi fir-rikors ma kinitx kompetenza ta’ l-Awtorita` intimata li tohrog il-permessi ghad-dghajjes ghall-garr tat-turisti.

Illi fil-fatt din il-kompetenza ghaddiet lill-Awtorita` biss fl-1 ta’ ottubru 2002 skond l-Avviz Legali 284/02 u ghalhekk zgur li mhix responsabbli ghal dak li qed jallega r-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-Awtorita Marittima.

Ra d-decizjoni in parte tieghu tat-23 ta’ Novembru 1999 fejn cahad l-eccezzjoni preliminari ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni mqajma mill-intimat u ordna l-presegwiment tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f’din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta min-nuqqas ta’ l-Awtoritajiet li johorgulu licenzja ghal garr ta’ turisti f’Wied iz-Zurrieq wara li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji b’decizjoni mehuda fl-20 ta’ Dicembru 1991 kienet irrakomandat li r-rikorrent jinghata tali licenzja peress li kien sofra ingustizzja fin-nuqqas ta’ hrug taghha. Talab illi din id-decizjoni tigi nfurzata minn dan it-Tribunal, fin-nuqqas jinghata kumpens.

Irrizulta mill-provi illi d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji giet milqugha mill-ufficcju tal-Prim Ministru. B’ittra datata 14 ta’Jannar 1992 l-ufficcju talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jimplimenta d-decizjoni tal-Kummissjoni u jinhareg l-permess relattiv lir-rikorrent. Fil-mori ta’ l-ipprocessar ta’ din il-licenzja l-Kummissarju tal-Pulizija jircievi korrispondenza mis-Segretarju tal-Ministru tas-Sigurta Socjali illi r-rikorrent qed jircievi pensjoni ta’ invalidita b’effett mill-14 ta’ Jannar 1987 peress illi gie “boarded out”

fejn il-bord ddikjara li "Philip Abdilla is permanently incapable for work of any kind…" Kienet propju din id-decizjoni illi stallat il-processar tal-licenzja mitluba mir-rikorrent. Fil-fatt b'ittra ohra mahruga mill-OPM datata 12 ta' Ottubru 1992 il-Kummissarju tal-Pulizija gie nfurmat b'din is-sitwazzjoni u gie mitlub jehodha in konsiderazzjoni fid-decizjoni tieghu jaghtix licenzja lil Abdilla jew le.

Ikkunsidra

Illi fil-waqt li t-Tribunal irrealizza illi l-Awtoritajiet kienu lesti illi jimplimentaw rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingistizzji u johorgu licenzja lir-rikorrent, il-fatt li huwa kien gie ddikjarat li mhux kapaci ghal ebda tipi ta' xoghol kellha effett qawwi fuq il-hrug ta' licenzja u kien ghalhekk li l-Awtoritajiet, principalment il-Kummissarju tal-Pulizija ddecieda li ma johrogx licenzja. Ir-ragunament kien illi ma jistax ikun tohrog licenzja ghall-operazzjoni ta' garr tat-turisti meta r-rikorrent ma setax jopera s-servizz minhabba mpedimenti fizici. Fil-waqt illi dan ir-ragunament jaghmel sens logiku, t-Tribunal ma jistax jinjora n-natura tal-licenzja ghal operazzjoni tal-garr tat-turisti minn Wied iz-Zurrieq. Minkejja li ma hemm l-ebda ligi partikolari illi jirregola s-servizz jew il-licenzja, jidher illi matul iz-zmien gew introdotti certi uzanzi li ma jistghux jigu injorati. Jibda biex jinghad u forsi l-aktar haga importanti, huwa illi saret konswetudni illi l-licenzja tintiret u tista' tigi kummercjata. Kien hemm diversi cirkostanzi meta l-licenzja ghaddiet minn id ghal ohra, minn missier ghal iben u anki inbieghhet jew b'xi mod giet trasferita.

It-Tribunal jaghmel referenza ghar-rapport ta' Vector Consultants a fol 52 specifikament ghal operazzjoni tal-licenzja illi giet ahjar deskritta a fol 66 u 67 tal-process. Minn hawn jirrizulta illi kien hemm cirkostanzi fejn servizz ma kienx qed jigi operat peress illi kien hemm dizgwid bejn l-eredi dwar min kellu d-dritt jopera. A fol 67 insibu illi "it is worth noting that operators interprit the vessel licence as being limited to themselves and not the vessel. The boats maybe changed. The licence holders deemed that re-sale of the licence is possible … it is common for

licences to be inherited, formally or informally from one generation to the next.” Quindi l-importanza ta’ din il-licenzja ghar-rikorrent ma kinitx tant ghalih personali tant ghal potenzjal kummercjali taghha.

It-Tribunal pero` jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill_Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Gunju 2001 fl-ismijiet “Joseph Bellizzi et noe vs Joseph Grioli et noe” fejn qalet li l-ligi tghat setghat lil Awtorita` Marittima li tiddetermina lil min ghandha tohrog permessi ghall-irmiggi fl-ibhra territorjali ta’ Malta, inkluzi naturalment il-bajjiet u portijiet. Fil-hrug ta’ dawn il-permessi, l-Awtorita` ma kinitx marbuta minn xi drittijiet ta’ eredita` ta’ permessi li allegatament kienu jezistu qabel. Din il-kawza kieent qed titratta specifikament il-permessi ghall-irmiggi f’Wied iz-Zurrieq. Dan ifisser li l-prassi li zviluppat qalb l-operaturi tibqa’ xi haga interna bejniethom li ma torbotx l-Awtorita` Marittima. (ara wkoll “Emmanuel Gatt et noe et vs Awtorita` Marittima ta’ Malta” Prim Awla 7 ta’ Lulju 2004).

Bid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija illi ma tinhariglux din il-licenzja r-rikorrent sofra danni finazjarju il-ghaliex tpogga f’sitwazzjoni fejn huwa ma setax jghaddi din il-licenzja lit-tfal tieghu jew inkella jiddisponi minnha kif kien intitolat jaghmel skond il-prassi illi trabbiet qalb l-operaturi tal-vjaggi. Barra minn hekk, ir-rikorrent iddikjara formalment (fol 14) li kien lest jirrinunzja ghal pensjoni jekk jiehu l-licenzja peress li bhalissa jinsab fizikament tajjeb sabiex jopera s-servizz (ara wkoll ittra lil DSS a fol 121). Ghalhekk illum is-sitwazzjoni hi li r-rikorrent gie mcahhad minn dritt tieghu li jottjeni l-licenzja ghall-garr ta’ turisti minn Wied iz-Zurrieq. Minkejja illi huwa qed jircievi pensjoni ta’ invalidita` stante il-prassi illi hemm f’Wied iz-Zurrieq, ir-rikorrent jista’ jiddisponi mill-licenzja u bin-nuqqas taghha sofra telf ekonomiku.

It-Tribunal jidhirlu illi s-suggeriment tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li ma kellhom ebda oggezzjoni rigward il-hrug tal-licenzja biss jekk ir-rikorrent jinqabad jahdem fuq dghajsa ghandu jirrifondi l-ammont kollu ta’ pensjoni illi huwa rcieva tista tigi addotata in parte u t-Tribunal lest illi jabbina dan is-suggeriment mad-dritt tar-rikorrent illi jkollu

decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji mplimentata. Illum tali implementazzjoni tispetta lil Awtorita` Marittima, anki jekk fi zmien li saret id-decizjoni ma kinitx din l-Awtorita` responsabbli ghal hrug tal-licenzji.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi jordna lil Awtorita` Marittima illi tohrog licenzja lir-rikorrent ghal garr ta' turisti minn Wied iz-Zurrieq liema licenzja tkun soggetta ghal utilita` personali tar-rikorrent fl-isfond tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza aktar il-fuq imsemmija, b'dan li r-rikorrent ghandu jirrinunzja ghal pensjoni b'effett immedjat jekk jiddeciedi li jopera s-servizz personalment. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------